MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2007

Avviz Numru. 239/2006

**Awtorita' Marittima ta' Malta**

**vs**

**Joseph Debono**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-awtorita' attrici fl-10 ta' Awissu 2006 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma ta' elfejn tlett mija u sitta u tletin lira Maltija u erbgha u disghin centezmu (Lm2336.94) rapprezentanti prezz ta' facilitajiet ta' rmiggar (*berthing fees)* ipprovduti lilu fuq talba tieghu stess rigward il-boat "Tigris III", hekk kif jidher minn *statement* tat-30 ta' Gunju, 2006 hawn anness u ezebit bhala Dok "A". Intbaghtet ittra ufficjali nhar il-31 ta' Mejju, 2005, (Dok B) u anke ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 nhar is-27 ta' Settembru 2005, (Dok C), pero' t-talba giet ikkontestata

permezz ta' nota tas-26 ta' Ottubru,2005, u l-ammont mitlub ghadu dovut.

Bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali msemmija u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante illi fl-ewwel lok il-kalkoli tal-ammont allegatament dovut saru fuq ammont ta' "*berthing fee"* superjuri ghal dak realment dovut, u in oltre, l-ammont effettivament dovut, jew parti minnu, gia gie depozitat il-Qorti f'cedoli ta' depozitu appoziti.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mill-attrici huwa eccessiv stante illi jkopru wkoll facilitajiet ta' rmiggar illi ma gewx la mitlubin minghand il-konvenut u lanqas ipprovduti lill-konvenut.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

F'din il-kawza l-Awtorita' Marittima ta' Malta qieghda titlob l-ammont ta' elfejn tlett mija u sitta u tletin lira Maltija u erbgha u disghin centezmu (Lm2336.94) ghal *"berthing fees"* tal-lanca Tigris III minghand il-konvenut liema *"berthing fees"* huma fuq bazi temporanju u mhux permanenti. Il-konvenut Debono qieghed jikkontesta dan peress li skond hu, kellu jigi allokat *"berthing fee"* permanenti fejn allura jhallas rata aktar vantaggjuza.

Irrizulta mill-provi illi l-istorja kollha bdiet xi zmien qabel meta l-konvenut xtara minghand Raymond Satariano l-boat in kwistjoni. Ma kienx car jekk il-bejgh kienx jinkludi wkoll id-dritt ta’ l-irmigg. Skond Satariano dan ma kienx il-kaz, izda skond il-konvenut dak kien il-ftehim u ghalhekk mar biex jirmigga d-dghajsa tieghu fejn kienet qabel meta kienet fil-pussess ta’ Satariano. Meta Satariano oggezzjona ghal dan l-Awtorita’ Marittima qalet lil Debono sabiex inehhi d-dghajsa minn dak il-post u jigi allokat post iehor, izda Debono ghamel mandat ta’ inibizzjoni sabiex jipprojbixxi lill-Awtorita’ illi tittrasferixxi d-dghajsa tieghu u ghalhekk id-dghajsa baqghet fejn kienet, pero’ din id-darba l-Awtorita’ Marittima bdiet titlob il-hlas minghand is-Sur Debono ghal l-irmigg fuq bazi temporanja.

Christopher Schembri a fol 21, l-*“berthing master”* ma’ l-Awtorita’ Marittima spjega d-differenza bejn ir-rati u l-kwistjoni li kellu l-konvenut mas-Sur Satariano s-sid precedenti tal-boat. Spjega illi l-*“berthing rights”* annwali kollha gew mehuda sa mill-1994 u r-rati huma kollha skond il-legal notice 71/1992 tal-*“Yatching Centre Regulations”.* Meta l-konvenut ra illi huwa kien qed jigi mitlub ihallas rata oghla, allura huwa ddepozita ammont il-Qorti skond ir-rata fuq bazi annwali u dina ma gietx accettata mill-Awtorita’ attrici li min nahha taghha spjegat illi ghal dak li jirrigwarda r-rata temporanju, l-hlas jigi mitlub biss taz-zmien illi d-dghajsa tkun ghamlet irmiggjata mal-moll. Jekk dina tkun l-art allura f’dan il-kaz il-hlas ma jintalabx.

Godwin Callus a fol 27 xehed li huwa *personnel manager* ma’ l- Awtorita’ Marittima pero’ qabel kien *“berthing master”.* Kien jaf il-kwistjoni li l-konvenut kellu ma’ Satariano u pprova jlaqqahhom fl-ufficju tieghu sabiex isir arrangament, imma dan ma setax isir peress li kemm Satariano kif ukoll Debono kienu qeghdin imeru lil xulxin, kullhadd izomm il-posizzjoni tieghu u ma setghax jintlahaq arrangament. Ghalhekk f’dan il-kaz Callus ma riedx jaccetta l-hlas fuq bazi permanenti ghax seta’ jippregudika d-drittijiet ta’ Satariano u fattura lill-konvenut fuq bazi temporanja.

Il-konvenut min nahha l-ohra filwaqt li kien qed jikkontesta l-fatti kif gew elenkati mill-Awtorita' Marittima qieghed ukoll jikkontesta l-quantum, pero' jidher li kien taht impressjoni zbaljata mill-bidu nett waqt in-negozjati ma' Satariano, meta l-konvenut ighid fost affarijiet ohra *"....jiena assumejt li l-bejgh ta' din il-boat kien jinkludi wkoll il-berth."* Aktar l-isfel ighid *"...dehrli li d-dritt tal-berth imur mal-boat u ladarba huwa biegh il-boat, biegh ukoll il-berth."* Dana pero' mhijiex il-posizzjoni legali fil-kuntest tal-*"Yatching Centre Regulations"* peress li l-berth hija proprjeta' assoluta ta' l-Awtorita' Marittima u hi ghandha tiddeciedi min kellu d-dritt jokkupa *berth* u meta.

Fil-kawza <u>Emanuel Gatt et noe et vs Awtorita' Marittima</u> deciza mill-Prim Awla fis-7 ta' Lulju 2004 il-Qorti qalet li l-Awtorita' Marittima ma kienetx taht obbligazzjoni biex tiggedded koncessjonijiet ta' irmiggi b'mod indefinit. Sidien ta' dghajjes kienu intitolati ghall-irmigg ghal zmien kopert bit-tariffa. Ma' l-eghluq taz-zmien kull parti kienet libera li ggedded u terga' tinnegozja kuntratt mill-gdid. L-istess <u>Joseph Bellizzi et noe vs Joseph Grioli noe</u> deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Gunju 2001 meta l-Qorti qalet *"meta saret il-ligi li holqot l-awtorita' marittima s-setgha nghataw lilha biex tiddetermina hi lil min ghandha tohrog permessi ghall-irmiggi fl-ibhra territorjali ta' Malta inkluz naturalment il-bajjiet u l-portijiet."* Fil-hrug ta' dawn il-permessi l-awtorita' ma kienetx marbuta minn xi drittijiet ta' eredita' jew permessi li allegatament kienu jezistu qabel, ghalhekk f'dan il-kaz l-awtorita' ma kienetx marbuta la bil-precedenza ta' Raymond Satariano u lanqas bit-talba tal-konvenut u kellha tiddeciedi hi b'mod unilaterali fejn kellha tigi mreggjata d-dghajsa tal-konvenut.

Fil-kawza deciza fid-29 ta' April 2005 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili bejn il-partijiet fl-istess ismijiet il-Qorti qalet fost affarijiet ohra *"il-Qorti hi tal-fehma illi f'dan il-kaz la l-attur u lanqas Satariano ma kellhom dritt illi jaghmlu xi tip ta' negozju minn dan il-berth, billi dana kien proprjeta' ta' l-Awtorita' Marittima u mhux taghhom u dejjem kienet fid-deskrizzjoni taghha lil min taghtih biex jaghmel uzu minnu skond il-ftehim li tkun dahlet fih."* F'dan il-kaz minhabba l-kwistjonijiet li kienu nqalghu u biex ma jigux pregudikati xi

drittijiet l-Awtorita' Marittima ddecidiet li talloka *berth* lill-konvenut fuq bazi temporanja, ladarba ma kienx hemm wahda *available* fuq bazi permanenti. Dana l-Awtorita' kellha kull dritt taghmlu u l-konvenut ma setghax jopponi tali diskrezzjoni. Minkejja li l-Awtorita' kellha l-poteri kollha moghtija lilha bil-ligi sabiex tiddeciedi hi fejn u min kellu jokkupa irmigg, madanakollu hija kienet tirrikonoxxi certa konswetudini illi hadmet hi stess li irmiggi ma jigux trasferiti bid-dghajsa jekk ma jkunx hemm dikjarazzjoni appozita mis-sid precedenti. Dina hija konswetudini li l-Awtorita' Marittima kienet libera li tissegwi jew ma tissewgix. F'dan il-kaz peress li ma rrizultalhiex tali trasferiment allura kienet libera li toggezzjona ghall-irmigg tal-konvenut fil-post indikat minnu u kienet libera illi talloka post iehor taht termini differenti u ta' dan il-konvenut ma setghax jopponi. Il-konvenut baqa' fl-irmigg fejn kien bis-sahha ta' mandat ta' inibizzjoni, pero' b'daqshekk ma jfissirx li ghandhux ihallas ghas-servizz moghti skond id-diskrezzjoni ta' l-Awtorita' Marittima. Ma kellu l-ebda dritt li jiddeciedi minn rajh li jikkwalifika l-irmigg tieghu bhala wiehed permanenti u annwali u jiddepozita rata ta' hlas kif jidhirlu hu skond il-percipazzjoni tieghu ta' l-avvenimenti kif graw.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-Awtorita' Marittima kellha ragun illi timponi dik ir-rata li effettivament talbet minghand il-konvenut u issa m'ghandhux triq ohra hlief li jhallas dak mitlub.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-Awtorita' Marittima attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallasha l-ammont ta' elfejn tlett mija u sitta u tletin lira Maltija u erbgha u disghin centezmu (Lm2336.94) rapprezentanti prezz ta' facilitajiet ta' rmiggar ipprovduti lilu fuq talba tieghu dwar il-boat “Tigris III” bejn l-1 ta' Lulju tat-2000 u l-31 ta' Marzu, 2004.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Settembru 2005, u cioe’ mill-5 ta’ Ottubru,2005 kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------